**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Deċiżjoni Numru 2434**

Każ Nru: 3057 / ET

Fit-Tilwima tax-Xogħol bejn

General Workers' Union

u

British High Commission

Illum : 15 ta' Settembru, 2016

*Dwar: ritorn fl-ingaġġ ta' membru tal-Union Joseph Mifsud wara 'redundancy'.*

**Ċhairman: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt**
**Membri: Is-Sur Winston V. Zahra u s-Sur David Magro**

**Introduzzjoni**

Dan il-każ beda jinstema miċ-Ċhairperson Mary Gaerty u l-membri Mario Cutajar u Winston V. Zahra nhar it-22 ta' Novembru 2012 u għadda għaċ-Ċhairman u membri preżenti fis-26 ta' Settembru 2013 wara r-riżenja taċ-Ċhairperson preċidenti.

Il-Każ infetaħ minn Dr. Cory Greenland, ex-Segretarju tal-GWU tat-Taqsima Professionals, Finance and Services fejn iddikjara tilwima bejn il-GWU u l-British High Commission (BHC) rigward nuqqas li jerġgħu jimpjegaw membru tal-Union li ġie redundant skond EIRA Chapter 42 Sec. 36 (3). Skond Dr. Cory Greenland deher, li l-BHC ħarġet 'vacancy' għall-istess post li kien jokkupa Joseph Mifsud u li l-BHC naqset li toffri l-post lill-istess Joseph Mifsud u għaldaqstant inkisret il-liġi. Għaldaqstant il-GWU qed tesiġi li t-Tribunal isib lil BHC ħatja li ma reġgħetx impjegat lil Joseph Mifsud u li jordna lil BHC terġa timpjega lil Joseph Mifsud bir-rimedji xierqa skond il-liġi.

Il-British High Commission (BHC), fl-*istatement of case* tagħha spjegat li t-talba tar-rikorrent mhijiex fattwali u legalment ma torbotx u li għandha tkun miċħuda bl-ispejjeż. Il-BHC tagħat dawn ir-raġunijiet prinċipali.

- Illi r-rwol part-time LEIII Corporate Services li għaliha ħarġet sejħa għall-applikazzjonijiet mijiex l-istess rwol li għalija r-rikorrent ġie redundant skont il-Liġi u li Artiklu 36 (3) ta' l-EIRA, Chapter 452, ma japplikax għal każ.

- Illi r-rikorrent ġie offrut għażla bejn pagament ex-gratia 'in full and final settlement' ta' sentejn salarju li jammonta għal €42,348.24; jew interview garantit għal post il ġdid part-time LEIII Corporate Services u li jekk jintagħażel ma jkunx eliġibbli għal pagament ex-gratia. Ir-rikorrent għażel ta' l-ewwel u aċċetta l-pagament u rrifjuta t-tieni għażla.

**Fatti**

Ir-rikorrent kien jaħdem full-time bħala Corporate Services Officer. Fil-5 ta' Marzu 2012, il-BHC infurmatu li l-impjieg tiegħu kien se jiġi redundant mill-31 ta' Marzu 2012.

Kien infurmat li tlett jobs kienu se jiġu redundant u li kien se jinħoloq post part-time, LEIII Corporate Services biex jagħmel tajjeb għat-tlett postijiet li ġew redundant.

Ir-rikorrent ma kienx l-aktar b'seniority mit-tlett persuni li ġew redundant.

Ir-rikorrent ingħata l-għażla kif spjegat fil-introduzzjoni u fil-8 ta' Marzu, 2012, kiteb lill-BHC (Doc BHC 2) li kien qed jaċċetta l-ex-gratia payment 'in full and final settlement of any claims against the BHC' u għaldaqstant irrifjuta l-għażla ta' l-interview għal post part-time il-ġdid kif imsemmi fuq.

Ir-rikorrent ma applikax għal post il-ġdid ta' parti-time LEIII Corporate Services.

Kien sar meeting fuq il-każ mad-direttur tax-xogħol fejn ir-rikorrent ġie offrut il-post il-ġdid fuq kundizzjoni u fuq il-ftehim li r-rikorrent stess kien iffirma, li l-pagament ex-gratia jiġi rifondut lura lil-BHC.

Illi l-BHC irċeviet risposta, dakinhar minn Dr Cory Greenland li r-rikorrenti ried iżomm il-pagament u anke jieħu l-post part-time il-ġdid. Din il-pożizzjoni ma ġietx aċċettata mill-BHC.

**Provi**

F'dawn il-proċeduri xehdu: Dr Cory Greenland, Mr Simon Lavender, Mr Brian Goodhead u r-rikorrent. Ġew esebiti dokumenti fosthom affidavit tar-rikorrent.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkunsidra l-punti prinċipali tal-każ. Illi r-rikorrenti ġie redundant flimkien ma' żewġ ħaddiema oħra. Il-BHC ħarġet 'vacancy' part-time flok l-postijiet li ġew redundant bi rwol differenti.

It-Tribunal eżamina l-provi rigward il-job description tal-post part-time il-ġdid u jidhirlu li r-rwol u d-dmirijiet involuti huma differenti minn dawk ta' l-impjieg full time li kellu r-rikorrent u għaldaqstant ġustifikati. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent ma kienx bl-ogħla seniority fost it-tliet persuni li ġew redendant.

Il-BHC offriet sentejn paga li r-rikorrent mar-redundancy 'in full and final settlement' jew li r-rikorrent jkollu garanzija ta' interview għal-post part-time il-ġdid.

Ir-rikorrent għażel li jieħu l-pagament ta' sentejn paga li ammont għal €42,348.24 'in full and final settlement' u għaldaqstant irrinunzja li japplika u jiġi ntervistat għal post part-time il-ġdid. Fil-fatt ir-rikorrent ma applikax.

Il-pagament ex-gratia kien suġġett illi kieku r-rikorrent applika għal post part-time u ntagħżel, dan kien ikun irid jirritorna jew ma' kienx ikollu jedd għal-pagament.

Illi wara li ħa l-pagament 'in full and final settlement of any claims against the BHC' ir-rikorrent talab li jżomm il-pagament ex-gratia u jieħu hu l-part-time job.

Illi kien sar meeting ta' konċiljazzjoni mad-direttur tax-xogħol fejn il-BHC offriet lilu l-post il-ġdid part-time imma mhux qabel jirrifondi l-pagament kollu ex-gratia.

Dan Permess, it-Tribunal jikkunsidra li:

It-Tribunal jagħraf li s-soċjeta' ntimata mxiet sew rigward ir-redundancy tar-rikorrent u kienet ferm ġeneruża b'pagament ex-gratia li jkopri sentejn paga ta' l-fuq minn €42,000 anke meta mqabbel mal-massimu li joffri l-ftehim kollettiv ta' tnax (12) il-ġimgħa paga. It-Tribunal ukoll jinnota ġustifikazzjoni fit-tibdil tar-rwoli rigward il-part-time job il-ġdid.

Il-Tribunal ikompli jinnota l-ftehim li sar u li ġie aċċettat mir-rikorrent rigward 'full and final settlement of any claims against BHC'. Iżda madankollu l-BHC xorta offriet l-post part-time il-ġdid lir-rikorrent bi premessa li jirritorna l-pagament ex-gratia. Dan ir-rikorrent irrifjuta li jagħmlu u ried ukoll li jingħata l-job. Dan ir-rikorrent kien jafu għax diġa kien maqbul minn qabel.

**Deċiżjoni**

Meħuda in-konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ix-xhieda mismugħa, d-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qed jagħti raġun lis-soċjeta' ntimata u mhux qed jaċċetta t-talba ta' ritorn fl-ingaġġ.

Għal finijiet ta' l-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi drittijiet ta' min assista l-partijiet, fl-ammont ta' tlieta u disgħin euro u sbatax €93.17.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xogħol.

**Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

**Iffirmat : Is-Sur Winston V. Zahra**
**Membru**

**Iffirmat : Is-Sur David Magro**
**Membru**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**